

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2021 – Santini et vs Il-Parlament**

(Kawżi magħquda T-345/19, T 346/19, T-364/19 sa T-366/19, T-372/19 sa T-375/19 u T-385/19) <sup>(1)</sup>

*(“Dritt istituzzjonali – Statut uniku ta’ Membri tal-Parlament Ewropew – Membri tal-Parlament Ewropew eletti fil-kostitwenzi Taljani – Adozzjoni mill-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Prezidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) tad-Deċiżjoni Nru 14/2018, fil-qasam tal-pensjonijiet – Bidla fl-ammont tal-pensjonijiet għall-Membri tal-Parlament nazzjonali Taljani – Bidla korrispondenti, mill-Parlament Ewropew, tal-ammont tal-pensjonijiet ta’ ċerti eks Membri tal-Parlament Ewropew eletti fl-Italja – Kompetenza tal-awtur tal-att – Obbligu ta’ motivazzjoni – Drittijiet miksuba – Ċertezza legali – Aspettattivi leġittimi – Dritt għall-proprjetà – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament – Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Ksur suffiċjentement ikkaratterizzat ta’ regola tad-dritt li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi”)*

(2021/C 128/39)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

**Rikorrent:** Giacomo Santini (Trento, l-Italja) u d-disa’ rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza (rappreżentant: M. Paniz, avukat)

**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u S. Alves, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tan-noti tal-11 ta’ April 2019, kif ukoll, fir-rigward tar-rikorrent fil-Kawża T-375/19, ta’ dik tat-8 ta’ Mejju 2019, stabbiliti, fil-każ ta’ kull wieħed mir-rikorrenti, mill-Parlament u li jikkonċernaw l-adattament tal-ammont tal-pensjonijiet li jibbenefikaw minnhom ir-rikorrenti wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta’ Jannar 2019, tad-Deċiżjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Prezidenza tal-Kamra tad-Deputati), u, min-naħa l-oħra, talba abbażi tal-Artikolu 268 TFUE u intiża għal kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti b’riżultat ta’ dawn l-atti.

**Dispożittiv**

1. Ir-rikorsi huma miċħuda.
2. Giacomo Santini u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk esposti mill-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 263, 5.8.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Frar 2021 – Forte vs Il-Parlament**

(Kawża T-519/19) <sup>(1)</sup>

*(“Dritt istituzzjonali – Statut uniku tal-Membri Parlamentari Ewropew – Membri Parlamentari Ewropej eletti f’distretti elettorali Taljani – Adozzjoni mill-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Prezidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) tad-Deċiżjoni Nru 14/2018, dwar il-pensjonijiet – Modifika tal-ammont tal-pensjonijiet tal-ex deputati nazzjonali Taljani – Modifika korrelativa, mill-Parlament Ewropew, tal-ammont tal-pensjonijiet ta’ ċerti Membri Parlamentari Ewropej eletti fl-Italja – Kompetenza tal-awtur tal-att – Obbligu ta’ motivazzjoni – Drittijiet miksuba – Ċertezza legali – Aspettattivi leġittimi – Dritt għall-proprjetà – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament”)*

(2021/C 128/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

**Rikorrent:** Mario Forte (Napoli, l-Italja) (rappreżentanti: C. Forte u G. Forte, avukati)